



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10109/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0239 (NLE)

PECHE 229
COMAR 14

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 453 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 453 final.

Mehmuż: COM(2018) 453 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2018
COM(2018) 453 final

2018/0239 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd
mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Abbażi tad-direttivi ta' negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni wettqet negozjati mad-delegazzjonijiet mill-Kanada, mir-Repubblika taċ-Ċina, ir-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faeroe u Greenland, l-Iżlanda, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Renju tan-Norveġja, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim vinkolanti għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ("il-Ftehim").

Il-Ftehim se jipprojbixxi s-sajd kummerċjali mhux regolat fil-parti tal-Ibħra Miftuħa tal-Oċean Artiku Ċentrali, li hija żona ta' daqs ta' bejn 2.8 miljun kilometru kwadru. Mhuwiex magħruf jekk qatt sarx sajd kummerċjali f'din iż-żona, u mhuwiex probabbli li se jsir fil-futur qrib. Madankollu, minħabba t-tibdil fil-kundizzjonijiet tal-Oċean Artiku, il-gvernijiet ikkonċernati żviluppaw dan il-Ftehim skont l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

Il-Ftehim se jistabbilixxi u jħaddem Programm Konġunt ta' Riċerka u ta' Monitoraġġ Xjentifiku, bl-għan li jtejjeb il-fehim dwar l-ekosistema/i ta' din iż-żona u, b'mod partikolari, bl-għan li jiġi ddeterminat jekk f'din iż-żona jeżistux stokkijiet ta' ħut li jistgħu jiġu sfruttati fuq bażi sostenibbli. Il-Ftehim jipprevedi l-possibbiltà li, għal din iż-żona, fil-futur tiġi stabbilita organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd waħda jew aktar, jew li jiġu stabbiliti arranġamenti reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2009 dwar il-Politika tal-UE dwar l-Artiku², il-Kunsill esprima r-rieda tiegħu li jikkunsidra proposta biex jiddaħħal fis-seħħ qafas regolatorju għall-parti tal-ibħra miftuħa li għadha mhix koperta minn sistema ta' konservazzjoni internazzjonali permezz tal-estensjoni tal-mandat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd rilevanti, jew permezz tal-estensjoni ta' kwalunkwe proposta oħra għal dak l-għan maqbula mill-partijiet rilevanti.

Il-Kunsill innota wkoll li kienet favur projbizzjoni temporanja fuq sajd ġdid f'dawk l-ilmijiet tul iż-żmien li jgħaddi sakemm jiddaħħal fis-seħħ qafas ta' dak it-tip.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2012 rigward il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd³, fost l-oħrajn il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa għal inizjattivi ta' ġestjoni konġunti fejn l-istokkijiet jinqasmu ma' pajjiżi terzi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u afferma mill-ġdid l-irwol fundamentali tal-organizzazzjonijiet reġjonali ta' ġestjoni tas-sajd fil-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ħut fil-livell internazzjonali.

Il-Ftehim, ladarba jidħol fis-seħħ, se jagħlaq lakuna regolatorja importanti fil-qafas attwali ta' governanza internazzjonali tal-oċeani.

¹ Adottati mill-Kunsill fil-31.03.2016

² Doc. 16857/09 +CORI

³ Doc. 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni Ewropea u mal-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, inkluż il-politika tal-UE dwar l-Artiku.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6).

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan mixtieq, jiġifieri li l-UE tikkonkludi l-Ftehim.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Kunsill adotta direttivi ta' negozjati li jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali. L-Istati Membri ġew mgħarrfa dwar il-progress tan-negozjati waqt il-laqgħat.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-għarfien espert mill-Istati Membri kemm fil-fażi preparatorja tan-negozjati, kif ukoll matul kull ċiklu tan-negozjati. Matul l-aħħar żewġ ċikli tan-negozjati, fost il-membri tad-delegazzjoni tal-UE kien hemm ukoll espert legali estern.

4. IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma tinvolvi spejjeż addizzjonali għall-baġit tal-UE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija kompetenti, b'mod esklussiv, li tadotta miżuri għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u li tikkonkludi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali,
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE⁵ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE, l-Unjoni hija rispettivament Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ("il-Konvenzjoni") u għall-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Hafna⁶ ("il-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut"). Kemm il-Konvenzjoni kif ukoll il-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut jeħtieġu li l-Istati kollha jikkooperaw fil-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi haġġin tal-baħar. Il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ("il-Ftehim") jissodisfa dan l-obbligu,
- (3) Skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷, l-Unjoni għandha tmexxi r-relazzjonijiet esterni tagħha dwar is-sajd f'konformità mal-obbligi internazzjonali u mal-għanijiet ta' politika tagħha, u f'konformità mal-għanijiet u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tal-istess Regolament, sabiex jiġu żgurati sfruttar sostenibbli, ġestjoni u konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ambjent tal-baħar. Il-Ftehim huwa konsistenti ma' dawn l-għanijiet,

⁴ ĠU C [...], [...], p. [...]

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratiffika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.).

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (4) Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Kunsill⁸ awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq, f'isem l-Unjoni Ewropea, negozjati għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku ċentrali. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fit-30 ta' Novembru 2017. F'konformità mad-**Deċiżjoni tal-Kunsill [xxx] ta' [...]**, il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ġie ffirmat fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (5) L-adeżjoni għall-Ftehim se tippromwovi l-konsistenza fl-approċċ tal-Unjoni b'rabta mal-konservazzjoni tal-oċeani kollha, u se ssaħħa l-impenn tagħha għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fuq perijodu twil tar-riżorsi tal-baħar f'livell globali,
- (6) Għalhekk huwa fl-interess tal-Unjoni li tikkonkludi l-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa tagħmel in-notifika msemmiya fl-Artikolu 15 tal-Ftehim f'isem l-Unjoni, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁸

Adottat mill-Kunsill fil-31.03.2016 bid-dokument bin-numru ST 7411 2016 ADD 1.